KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 402 (8-30)

It-Tnejn 25 ta' Jannar 2020 fil-5.30 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' online (skond Direttiva 7/2020).

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg (daħal fil-5.50pm)
Il-Kunsillier Adrian Farrugia (ħareġ fis-7.30pm)
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**402.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**402.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 402. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**402.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma tqajjmux punti mill-Minuti.

**402.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**402.3.1** Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-istaff f'din is-sitwazzjoni partikolari li laqtet l-uffiċċju amministrattiv f'dawn l-aħħar ħmistax peress li membri tal-istaff irriżultaw pożittivi għal Covid. Is-Sindku qal li b'kollaborazzjoni remota xorta ingħata servizz lir-residenti anke jekk b'ċertu limitazzjonijiet, sakemm l-uffiċċju seta beda jopera mill-ġdid mill-bini tal-Kunsill.

**402.3.2** Is-Sindku qal li dalgħodu deher il-Qorti fuq taħrika ta' xhud, rikors numru 85/2020CG sabiex jixhed dwar l-interess tal-Kunsill Lokali f'porzjon art fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi. Din il-kawża infetħet minn Tyrone Cutajar kontra l-Awtorita' tal-Artijiet. Is-Sindku qal li qed ikun assistit mill-Avukat tal-Kunsill.

**402.3.3** Is-Sindku qal li kellu laqgħa mac-CEO tal-Awtorita' tad-Djar dwar diversi talbiet li ilhom pendenti snin rigward bżonnijiet ta' manutenzjoni f'Binja Ramija. Huwa qal li wara spezzjoni mal-Kunsillier Adrian Farrugia fiż-żona ġew identifikati diversi bżonnijiet fosthom bdil ta' ċnut, pavimentar tal-passaġġi li niżel, tindif u upgrading tal-ġonna fost oħrajn. Huwa semma wkoll ir-roundabout li hemm fil-wesgħa tal-garraxxijiet li l-kobor tagħha qiegħed joħloq problema għall-aċċess tal-garaxxijiet stess, u propona li din tiċċekken u b'hekk jinħolqu diversi parkeġġi. Huwa qal li s-sottokumitat infrastruttura qed jiprepara rapport iktar dettaljat dwar il-proposti.

**402.3.4** Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tal-Kunsill attendew għal laqgħa minn The Malta Foundation for the Wellbeing of Society fejn ġie preżentat id-diżinn u diskuss il-kunċett tal-proġett komunitarju fiż-żona ta' Ramija. Huwa qal li d-disinn ġie imfassal bl-involviment tat-tfal tal-lokal. Huwa previst li ix-xogħol jibda tard din is-sena. Is-sindku qal li l-proġett ser ikun iffinanzjat minn diversi Ministeri u likura u manutenzjoni tkun f'idejn il-Kunsill ladarba jkun lest.

**402.3.5** Is-Sindku qal li talab laqgħa mal-ministeru tal-ionfrastruttura biex inressqu diversi punti u sfidi li għandna bħala lokalita'. Huwa talab lill-Kunsillier biex min jixtieq iressaq xi punti biex jiġu diskussi fil-laqgħa jgħaddihom lis-segretarju Eżekuttiv sa din il-ġimgħa.

**402.3.6** Is-Sindku informa li l-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar għar-restawr tal-istatwa ta' San Nikola ġie ppublikat. Qal ukoll li t-tender qiegħed fil-proċess ta' evalwazzjoni.

**402.3.7** Il-Sindku qal li sussegwentement għax-xogħol fil-kanċell taċ-ċimiterju ta' San Dawdar mill-Ministeru tal-infrastruttura, kien hemm komunikat biex jitneħħew xi għeruq ta

siġar aljeni li qed jagħmlu ħsara lill-ħajt taċ-ċimiterju, biex b'hekk jitkompla x-xogħol.

**402.3.8** Is-Sindku qal li qed isir komunikat mad-Dipartiment tal-Ambjent għal għoti ta' numru ta' siġar indiġeni biex jitħawlu f'attivita' relatata mal-attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi f'Marzu. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera jipproponu postijiet fejn jistgħu jitħawlu iktar siġar fil-lokalita'.

**402.3.9** Is-Sindku qal li sussegwenti għad-diveri ilmenti dwar xogħolijiet tal-kumpanija GO, qed isiru diskussjonijiet biex jiġi evalwat kull talba għal permess li jiġi riċevut. Is-Sindku qal li t-tlett arbli li twaħħlu fi Pjazza san Nikola ser jitneħħew dil-ġimgħa wara insistenza kemm minnu u anka s-Segretarju Eżekuttiv.

**402.3.10** Is-Sindku qal li x-xogħol mill-korporazzjoni tal-ilma fit-triq ta' Għar lapsi ser jibda fl-aħħar ta' din il-ġimgħa minn naħa tal-Kappella tal-Providenza. Is-Sindku qal li kkonferma mal-Ministeru tal-infrastruttura li malli jitlesta x-xogħol tal-WSC immedjatament jingħata l-wiċċ. Is-Sindku qal li ser ikun qed isegwi l-andament tax-xogħolijiet u li dewmien fix-xogħolijiet mhuwhiex aċċettat.

**402.3.11** Is-Sindku qal li irċieva komunikat mingħand l-Onorevoli Ryan Callus li ser ikun qed jgħaddi lill-Kunsill petizzjoni biex jitranġa l-wiċċ ta' Triq Tal-Providenza. Is-Sindku qal li għandu jitħejja rapport ta' toroq fiż-żona rurali li qegħdin kundizzjoni ħażina inkluża din it-triq. Il-kunsilliera Francine farrugia qalet li f'Seduta preċedenti kienet saqsiet jekk din it-triq partikolari hix inkluża fil-proġett tal-fondi ewropej u rriżulta fin-negattiv.

**402.3.12** Is-Sindku qal li ser ikun qed iressaq it-talba għall-installazjoni ta' bus shelters quddiem id-Dar tal-Providenza lil Infrastructure Malta għal possibilta' li jiġu inklużi fil-proġett ta' Triq Lapsi.

Il-Kunsillier Julian Borg daħal fil-5.50pm.

**402.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**402.4.1** Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li llum stess il-karozzi tal-linja reġgħu għaddew 'wrong side' minn Triq it-tabib Nikola Zammit. Hija saqsiet jekk sarx komunikat mal-Awtorita' tat-Trasport rigward dan. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dalgħodu reġgħet inġibdet l-attenzjoni tal-Awtorita' kif ukoll ġew infurmati il-LESA għal infurzar.

**402.4.2** Il-kunsilliera Francine Farrugia rreferiet għal pjanti tal-proġett propost fl-art fi triq Mons Mikiel Azzopardi u staqsiet jekk l-individwi li talbu l-art hux ser ikunu qed jagħmlu l-manutenzjoni meta jsir il-proġett. is-Sindku qal li l-manutenzjoni tkun f'idejn il-Kunsill.

**402.4.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li dan l-aħħar qed ikun hemm ħafna valdaliżmu fl-open gym u staqsiet jekk hemmx pjan li jiġu installati CCTVs. Is-Sindku qal li hemm cctvs inklużi fil-proġett approvat tal-LC Care. Is-Sindku qal li ġew infurmati wkoll il-Pulizija biex dik l-area tiġi inkluża fir-ronda ta' filgħaxija.

**402.4.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia talbet aġġornament dwar it-trakka, anka għall-fatt li dik eżistenti qed tinqala'. Is-Sindku qal li hemm hemm ftehim mal-Kuntrattur li t-trakka terġa ssir malli t-temp ikun aħjar. Huwa qal li sakemm ma tkunx ċertifikata mill-Perit mhu ħa jsir l-ebda ħlas għal dan ix-xogħol.

**402.5** **Skema ta' restawr ta' postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2020/2021 (SPI.SCI.1.2021)**

Is-Sindku qal li ħarġet l-iskema għal restawr ta' postijiet u monumenti storiċi. Huwa qal li wara konsultazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv u mal-Kunsillier Kurstein Sant, responsabbli mill-wirt storiku, ġiet deċiż li peress li l-applikazzjoni tas-sena l-oħra għar-restawr tal-kappella ta' Santa Marija taċ-Ċwerra ġiet eliġibbli iżda ma ingħatajna l-ebda fondi, terġa tiġi sottomessa l-istess applikazzjoni. Huwa qal li l-kappella hija ikona tal-Pjazza prinċipali u qegħda fi stat ħażin ħafna u anka perikoluża. L-applikazzjoni tagħlaq fit-12 ta' Frar 2021.

Il-Kunsill unanimament qabel li ssir l-applikazzjoni kif proposta mis-Sindku.

**402.6** **Preżentazzjoni tal-proposta tal-proġett Slow streets**

Is-Sindku rrefera għall-preżentazzjoni li intabagħtet lill Kunsilliera tal-proġett propost Slow Streets. Huwa qal li l-proġett ser jiġi diskuss mis-Sotto Kumitat Infrastruttura biex jiġi evalwat x'jista jiġi implimentat u ssir konsultazzjoni dwar diversi toroq li ser jiġu affetwati. Huwa qal li l-proposta mressqa tinkludi wkoll Pjazza San Nikola, li għalih diġa hemm proġett ieħor li għalkemm mhux finalizzat huwa ħafna iktar ambizzjuz milli dak muri fil-preżentazzjoni. Is-Sindku qal li l-proposti tas-Sotto Kumitat imbagħad jersqu quddiem il-Kunsill u ssir anka konsultazzjoni dwar il-proposti.

**402.7** **Preżentazzjoni tal-proposta tal-proġett fi Triq Salvu Borg Olivier**

Is-Sindku preżenta pjanta tal-proġett propost. Huwa qal li l-proġett qiegħed fil-fażi inizjali u stiden lill-Kunsilliera jressqu l-idejat tagħhom. Il-kunsillier Julian Borg propona li jitranġa wkoll il-ħajt tal-bidu tat-triq salvu Borg olivier minn Triq Mons Mikiel Azzopardi u jsir upgrade f'dik il-biċċa wkoll. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li ħafna nies jiffrekwentaw din it-triq għal mixjiet u proponiet li l-bankina titkompla sat-tarf tat-triq u jitranġaw il-postijiet ta' parkeġġ. Hija proponiet ukoll li l-area fejn titpoġġa l-bring in site titranġa wkoll.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li meta kienet Sindku diga' kienu ġew mfassla l-pjanti li qed jippreżenta s-Sindku Dominic Grech u kienet saret applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjannar fl-2019. Hi staqsiet jekk dik l-applikazzjoni ġietx segwita. Is-Sindku Dominic Grech wieġeb li matul din leġislatura kien hemm xi żmien fejn kienet sospiża u skada ż-żmien tas-sospensjoni. Għalhekk dik l-applikazzjoni waqgħet u l-applikazzjoni għandha tibda mill-ġdid.

Il-Kunsilliera Francine farrugia ssuġġeriet il-possibilta' ta' żona fejn issir edukazzjoni dwar it-trasport għat-tfal bħal kif jaqsmu minn fuq il-ligħts, tifsir ta' tabelli tat-traffiku eċċ bħala idea innovattiva u edukattiva.

Hija qalet ukoll li peress li żgur ikun hemm żieda fit-traffiku, ikun hemm timed parking biex ma jinħoloqx skariġġ lir-residenti.

Is-Sindku propona laqgħa fuq il-post biex jitressqu dawn il-propost validi.

**402.8** **Post vakat ta' Clerk fuq skala 15 – rapport tal-Bord**

Is-Sindku qal li fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-pandemija li affetwat l-operat tal-uffiċċju fl-aħħar ġimgħat, u għalhekk il-bord ma iltaqax kif previst, din il-materja tiġi diskussa fis-Seduta li jmiss. Sadattant, huwa propna li jiltaqa' l-bord u jiġi rivedut ir-rapport ta' evalwazzjoni.

**402.9** **Assenjar ta' ħaddiem mal-Kunsill Lokali Siġġiewi**

Is-Sindku qal li wara li intbagħtet id-dokumetazzjoni relatata flimkien mal-Curriculum Vitae lil kull Kunsillier u anka saru l-kjarifiċi mad-DLG, qed iressaq il-proposta tal-assenjar tas-Sur Chris Farrugia mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit qalet li minkejja li intbagħtu diversi mistoqsijiet lid-DLG ma kien hemm tweġibiet għall-ebda minnhom. Hija kompliet li minn dan joħroġ ċar li l-arranġamenti diġa kienu saru mingħajr il-konsultazzjoni tal-Kunsill, iżda kienet deċiżjoni diretta għal dan l-individwu. Hi qalet li l-persuna magħżula, spiss deher waqt kampanji politiċi tas-Sindku u magħruf bħala canvasser tiegħu.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit qalet li l-assenjar ta' jixbaħ aktar *position of trust* f'kariga għolja (skala 7) f'Kunsill Lokali ser tkun qed timmina l-post ta' Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ċaħad dan kategorikament u qal li diġa kien hemm diskussjoni mas-Segretarju Eżekuttiv rigward xi rwol jista jkollu s-Sur Farrugia fi ħdan il-Kunsill u kif dan jista' jassisti fl-andament tax-xogħolijiet. Huwa qal li diġa hemm Kunsilli oħra li bbenefikaw minn assenjazzjoni simili.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit qalet li għandu jkun hemm approvazzjoni unanima biex persuna tiddaħħal tagħmel parti mill-amministrazzjoni tal-Kunsill. F'dan il-każ, kif juri wkoll fil-korrispondenza ċirkolata, it-trasferiment kien diġa sar qabel il-proposta ġiet preżentata fil-Kunsill u allura ma jistax ikun hemm fiduċja meta l-affarijiet mill-bidu ma sarux bi trasparenza.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li ma kien hemm l-ebda tweġiba għal mistoqsijiet li saru. Huwa qal li għandu riservi fuq dan il-persuna peress li l-proċess ma mexiex kif kellu jimxi mill-bidu nett u għalhekk ma jistax ikun hemm fiduċja fil-persuna.

Is-Sindku wieġeb li l-mistoqsijiet ġew mibgħuta kollha lid-DLG mingħajr riżervi u ma jistax jimponi lid-DG kif iwieġeb.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit qalet li ma kien hemm l-ebda insistenza li l-mistoqsijiet jiġu mwieġba għax l-approvazzjoni kienet diġa saret.

Is-Sindku qal li din il-materja diġa ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti u kien hemm ġimgħat ċans għal min ried jiċċara xi punti, anka dwar it-tweġiba li ingħatat.

Il-kunsilliera Francine Farrugia qalet li għalkemm deċiżjoni għandha tittieħed f'Seduta, diġa konna rċevejna korrispondenza mid-Dipartiment li din il-persuna ġiet assenjata mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mit-18 ta' Novembru 2020, ferm qabel li l-materja ġiet preżentata quddiem il-Kunsill, cioe fis-Seduta tal-21 ta' Diċembru.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit qalet li r-risposta riċevuta ma titqiesx bħala risposta għax hija vaga mmens. Hija qalet li l-mistoqsijiet imposti xorta għandhom jiġu imwieġba mid-dipartiment għal mod ta' kif żvolġa dan l-assenjar.

Is-Sindku qal li kien hemm biżżejjed ħin biex din il-materja tiġi diskussa u sejjaħ għal votazzjoni.

Votazzjoni:
Favur 3 (is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Adrian Farrugia)
Kontra 3 (Il-Kunsilliera Alessia psaila zammit, Julian Borg u francine farrugia)
Peress li il-votazzjoni ġiet 3 kontra 3, is-Sindku ħa il-casting vote, b'vot favur.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit iddikjarat li hi m'għandhiex fiduċja la fil-proċess u lanqas fil-persuna in se bħala 'position of trust'.

**402.10**

**Jum is-Siġġiewi 2021**

Is-Sindku qal li iktar tard din il-ġimgħa ser issir laqgħa biex jitħejja draft programm għall-attivitajiet ta' din is-sena.

Is-Sindku qal li jemmen li għalkemm qegħdin fi żmien partikolari, irid ikun hemm bilanċ fl-attivitajiet, filwaqt li jittieħdu l-provedimenti kollha rikjesti mill-Awtoritajiet tas-Saħħa.

Is-Sindku qal li l-qofol tal-attivitajiet tibqa s-serata u l-għoti tal-Unur Onorefiċenza Mertu Siġġiewi. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera iressqu l-ismijiet bil-proposti tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv sas-Seduta li jmiss, biex jiġu evalwati u approvati.

Is-Sindku qal li jkunu bosta individwi li tul is-sena jiddistingwu ruħom f'diversi oqsma jew jagħtu kontribut għal ġid tal-lokalita', u propona li jingħataw ukoll ċertifikati ta' rikonoxximent biex dawn in-nies jingħataw motivazzjoni. Il-Kunsilliera Psaila Zammit qalet li filwaqt li taqbel mal-idea, ma tarax li ċertifikat ta' rikonoxximent għandu jingħata fl-istess okkażjoni għaliex hekk qisu se jkun hemm unuri ta' grad ogħla minn ieħor u iż-żewg tipi ta rikonoxximent huma differenti. Il-Kunsillier Julian Borg qabel ma' dan għall-istess raġunijiet. Is-Sindku qabel ukoll ma dan.

Il-Kunsillier Adrian Farrugia ħareġ mill-laqgħa fis-7.30pm.

**402.11**

**Mixgħela tas-Salib tal-Għolja 2021**

Is-Sindku qal li huwa pjanat li l-attivita' tal-mixgħela ssir fuq skala iżgħar mis-soltu iżda pjanata diversament biex nevitaw ġemgħat ta' nies f'dawn iċ-ċirkostanzi. Is-Sindku qal li is-Salib tal-Għolja għandu jinxtegħel u anka l-għolja bil-fjakkoli, biex tgħin tinħoloq l-atmosfera għal festa ta' Ħamis ix-xirka u l-Ġimgħa l-Kbira.

Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa biex jitħejja programm fil-jiem li ġejjin.

Is-Sindku qal li ser issir konsulenza mal-Awtoritajiet tas-Saħħa biex jiġu organizzati dawn l-attivitajiet.

**402.12**

**Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**402.12.1**

Il-Kunsillier Julian Borg semma dawn l-applikazzjonijiet li huwa l-Perit tagħhom u għalhekk mhux ser ikun qed jikkummenta fuqhom minħabba kunflitt. Dawn huma PA267/21, PA8952/20, PA8925/20, PA8752/20

Inġibdet l-attenzjoni fuq dawn l-applikazzjonijiet:

**402.12.2**

Il-kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienx hemm xi update dwr l-investigazzjoni mill-ERA dwar il-fabbrika ta' Wied Xkora PA6387/20. Is-Sindku qal li ma rċieva xejn dwar dan.

**402.12.3**

Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk saritx sottomissjoni mill-Perit rigward l-applikazzjonijiet diskussi fis-Seduta preċedenti Pa6387/20 u PA7933/20.

402.12.4

PA/00392/21 Site at (disused quarry), Triq ta l-Ghaqba a.k.a., Il-Bur Ta' L-Ghaqba, *Siggiewi Conversion of disused quarry into a shooting range facility. Development at level 0 includes provision for 73 car spaces and construction of club house for members and classroom for tuition and construction of store plus four shooting bays at level -1.*
Is-Sindku qal li kienet saret sottomissjoni għal applikazzjoni simili f'Seduta 331. L-applikazzjoni kienet PA7829/16. Is-Sindku propona li ssir sottomissjoni b'punti simili għal ta' dak iż-żmien meta l-applikazzjoni kienet ġiet sussegwentement rifjutata. Is-Sottomissjoni għandha tidħol tas-27 ta' Frar 2021.

402.12.5

Il-Perit Julian Borg staqsa rigward applikazzjoni ta' konkos fis-slip way ta' Għar lapsi minn Infrastructure Malta u jekk kienx hemm iktar informazzjoni dwar dawn ix-xogħolijiet. Is-Sindku qal li għandha tintalab iktar informazzjoni.

402.13

**Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

402.14

**Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

402.15

**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

402.16

**Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

402.16.1

Il-Viċi Sindku qalet li l-flow tat-traffiku żdiedet sostanzjalment fi Triq l-Imdina minn meta Triq it-Tabib nikola Zammit ġiet one way, u talbet il-possibilta ta' traffic calming measures.

402.16.2

Hija talbet biex insegwu l-proċess għal pedestrian crossing qrib il-ground tal-football fi triq it-tabib Nikola Zammit.

402.16.3

Il-Kunsillier Julian Borg talab li jkun hemm infurzar għat-traffiku qrib l-iskola. Huwa qal li ħafna drabi ma jkunx hemm uffiċjal fil-ħinijiet tal-iskola.

402.16.4

Huwa talab biex tinqala t-tabella 'no left turn' minn ħdejn ic-child care centre id-denfil għax qegħda mwaħħla ħażin u terġa teħel it-tabella bil-ħinijiet tal-iskola fi Triq Ħal Xluq.

402.16.5

Il-kunsillier Julian Borg talab li l-applikazzjonijiet kollha tal-GO jiġu vetted qabel jinħarġu permessi mill-Kunsill. Is-Sindku talab li jibdew jintbagħtu lilu u lill-Kunsillier Julian Borg.

402.16.6

Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li twaħħal arblu mill-GO fit-traffic island fi Triq Mons Mikiel Azzopardi, eżatt fejn il-Kunsill kien għamel talba biex jinqala arblu tad-dawl għax kien qiegħed ta' periklu. Huwa talab biex dan l-arblu jitneħħa minn hemm mill-

iktar fis. Huwa qal ukoll li l-Kunsill għandu jiġi konsultat qabel jeħlu arbli ġodda.

**402.16.7**

Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għal xogħol ħażin ta' wiċċ it-triq fi Triq tan-Nofs mill-korporazzjoni GO. Hu qal li r-residenti jinsabu frustrati dwar din is-sitwazzjoni u qed jikkomunika hu stess mal-GO biex tiġi rimedjata mill-iktar fis. Huwa talab lill-amministrazzjoni tal-Kunsill biex jassisti lir-residenti f'dawn is-sitwazzjonijiet anka jekk hija responsabilta' ta' entita oħra.

**402.16.8**

Il-Kunsillier Julian Borg qal li għandu talba minn residenti fi Triq Ġużeppi Busuttil għal line markings fit-triq.

**402.16.9**

Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet il-periklu biex residenti jaqsmu l-bypass għal fuq il-bus stop li tinsab fit-tarf ta' Triq Mons Mikiel Azzopardi l-aħħar waħda qabel toħroġ mis-Siġġiewi. Hija qalet li jgħaddu ammont kbir ta' trakkijiet li joħorġu minn Triq il-Ħsad għal bypass b'veloċita qawwija.

**402.16.10**

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li tul Triq Mons Mikiel Azzopardi weħlu arbli ġodda tad-dawl iżda l-qodma għadhom imwaħħlin fil-post. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Enemalta qegħdin jibdlu l-arbli kollha u jneħħuhom minn nofs il-bankina. Sussegwentement il-qodma ser jitneħħew.

**402.17**

**Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.00 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 15 ta' Frar 2021

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv